# Il-Qrendi u l-Imblokk tal-Franċiżi

kitba ta' Martin Formosa

Inħoss li hu obbligu li lkoll kemm aħna ngħinu sabiex niskopru dak li ġara fl-istorja tagħna bħala Maltin u anke bħala Qrendin. Dan iwassalna sabiex napprezzaw aktar il-kuraġġ u l-kapaċitajiet ta' dawk li ġew qabilna u nifhmu u napprezzaw aktar il-valur tal-wirt storiku li wasal s'għandna. Episodju mqanqal u interesanti kien dak li ġara fit-tmiem tal-ħakma tal-Kavallieri ta' San Ġwann u l-okkupazzjoni Franċiża f'Malta. Il-Qrendin ta' dak iż-żmien ħadu sehem attiv fil-ġrajjiet li seħħew u huwa xieraq li dawn il-ġrajjiet ikunu magħrufa u studjati ferm aktar.



*Il-wasla tal-Franċiżi f'Malta*

Hekk kif il-gżejjer Maltin spiċċaw f'idejn il-Franċiżi fost ħafna liġijiet ġodda, sewwa sew fit-23 ta' Ġunju 1798, Malta ġiet maqsuma fi 12-il Muniċipalità. Il-Qrendi kien jifforma parti mit-8 Muniċipju u kien jikkonsisti fis-Siġġiewi, il-Qrendi u l-Imqabba. Fit-tmexxija ta' dan il-muniċipju kien hemm it-Tabib Mikelanġ Azzopardi (President), Franġisk Farrugia (Segretarju). Il-membri kienu Karlu Spiteri u Nikol Camilleri, żewġ benestanti mis-Siġġiewi, Xmun Spiteri mill-Qrendi u Ġużeppi Magro mill-Imqabba.[1] Qabel ma Napuljun Bonaparte telaq minn Malta lejn l-Eġittu, huwa waqqaf 15-il skola u ordna li jiġu magħluqa numru ta' kunventi madwar il-gżejjer Maltin.

Wara li l-kunvent tal-Patrijiet Agostinjani ta' San Mark tar-Rabat kien ġie sopressat b'ordni ta' Napuljun Bonaparte fis-16 ta' Ġunju 1798, madwar *quintale e mezzo* ta' fided kienu ttieħdu mill-uffiċjali tal-gvern. Dan qajjem ferment kbir u qsim il-qalb fost il-fidili.[2] Fit-2 ta' Settembru 1798, fil-festa tal-Madonna taċ-Ċintura kellu jsir irkant ta' l-oġġetti prezzjużi li kienu ttieħdu minn ġol-knejjes fir-Rabat u l-Imdina. Waqt l-irkant qam storbju sħiħ u folla ta' Rabtin irabbjati sfrattaw dan il-bejgħ. Biss Ġużeppi Farrugia, partitarju Franċiż, ipprova jisfida u mar għall-knisja tal-Karmnu ta' l-Imdina biex iżarmaha mit-tapizzerija. Dan Farrugia kien imwiegħed persentaġġ sabiħ għalih mill-flus li kien se jdaħħal mill-irkant. Biss il-folla Rabtija mmexxija minn Pawlu Farrugia għalqet il-knisja tal-Karmnu filwaqt li tfajjel beda jdoqq bl-għaġġla l-qanpiena tal-knisja. Dawk li kienu se jżarmaw il-knisja dabbru rashom u ħarbu. Wara nofsinhar Louis Masson, Kmandant Franċiż u żewġ suldati marru r-Rabat u bdew jisfidaw il-folla li f'daqqa waħda dawritu u wara li daħal jistaħba ġod-dar tan-Nutar Pietru Anton Bezzina, dan ġie ferut mill-Maltin u mwaddab minn ġo gallerija mikxufa għat-triq.[3] Għalkemm Masson ma mietx bit-tisbita ma' l-art, il-folla rrabjata svogat fuqu u qatluh fit-triq.[4]

Dan kien ix-xrar li beda r-rewwixta tal-poplu tal-kampanja kontra l-ħakma Franċiża f'Malta. Kien hemm diversi raġunijiet oħrajn għaliex il-poplu kien ħadha qattgħa bla ħabel kontra l-Franċiżi, fosthom it-telf ta' imgħax mill-poplu fuq flus mislufa lill-Ordni ta' San Ġwann, nuqqas ta' ħlas ta' pagi mill-gvern, sospenzjoni ta' ħlas ta' pensjonijiet, nuqqas ta' kumpens lil min forna lill-qawwiet Franċiżi b'baqar, majjali u b'oġġetti oħra matul l-iżbark u l-introduzzjoni ta' numru kbir ta' liġijiet ġodda li ma niżlux tajjeb mal-poplu.[5] F'dak il-jum tat-2 ta' Settembru, numru ta' Rabtin intbagħtu fl-irħula tal-viċin imlebbta fuq iż-żwiemel sabiex ixerrdu l-aħbar u tinkiseb aktar għajnuna. Numru ta' Żebbuġin telgħu r-Rabat u l-Imdina u ssieltu mas-suldati Franċiżi li kienu ssakkru ġo l-Imdina. Numru ta' Żebbuġin oħrajn fost għajjat, "M'aħniex se nħallu lill-Franċiżi jisirqulna l-ġid tal-Knisja," ħatfu f'idejhom l-armi li kienu fl-armerija żgħira tar-raħal ta' Ħaż-Żebbuġ. Dan għamluh wara li qatlu lill-President tal-Muniċipalità ta' Ħaż-Żebbuġ, Stanislaw L'Hoste għax dan irrifjuta li jagħtihom il-muftieħ.[6]

Waqt l-attakk tar-raħħala Maltin fuq l-Imdina, numru ta' Qrendin kienu ħadu sehem f'dan il-ġlied. Infatti waqt li kienu qed jiġu sgassati żewġ bibien sigrieti fis-swar, il-Franċiżi fetħu n-nar fuq il-Maltin u żewġt irġiel ġew maqtula. Dawn kienu Ġanni Cortis mir-Rabat u Ġużeppi Borg mill-Qrendi. Fir-reġistru tal-mejtin tal-parroċċa ta' Santa Marija tal-Qrendi hemm

miktub li dan Ġużeppi Borg, bin Orazju, ta' 41 sena, safa maqtul fit-3 ta' Settembru 1798 *in subiugatione Civitate Notabilis* u ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' San Pawl, fir-Rabat.[7] Insibu wkoll li tfajjel ta' 8 snin mill-Qrendi, Ċensu Barbara, bin Ġużeppi, kien miet fit-12 ta' Ottubru 1798, wara li kif jgħid ir-reġistru tal-mejtin tal-Qrendi, ġie ferut *fil-gwerra tal-Franċiżi*. Dan Ċensu kien ġie rikoverat fl-isptar li kien twaqqaf f'Ħaż-Żebbuġ u ġie midfun fil-knisja ta' Ħaż-Żebbuġ.[8] Jista' jkun li billi numru ta' tfal kienu tqabbdu jġorru l-porvli u jiġbru l-balal ta' l-għadu li jaqgħu fl-għelieqi, Ċensu kien safa ferut f'xi ħidma bħal din. Tant kien hemm nuqqas ta' armi u munizzjon li kulħadd beda ilaqqat l-iċken ċomba u saħansitra nqala' ċ-ċomb tax-xbiek tas-sajd u tal-kanali ta' l-ilma tal-ġonna. Twaqqgħu l-ħitan tas-sejjieħ u ġew imblukkati t-toroq li jieħdu għall-ibliet sabiex ifixklu lis-suldati Franċiżi.

Fl-4 ta' Settembru 1798 twaqqfet l-Assemblea Nazzjonali. Il-laqgħa kienet saret fil-*Banca Giuratale*, fl-Imdina u kienu ħadu sehem fiha nies minn kull raħal biex jikkordinaw ir-rewwixta u jaraw kif se jiksbu l-għajnuna. Bħala Kap Kmandant kien inħatar Manwel Vitale u l-Konti Salvatore Manduca, il-Markiż Vinċenzo DePiro, il-Konti Ferdinandu Theuma Castelletti nhatru bħala deputati.[9] Wara din il-laqgħa, f'kull raħal twaqqaf battaljun ta' suldati voluntiera u sar ġbir ta' flus sabiex ikunu mantnuti. Skond dikjarazzjoni datata 17 ta' Novembru 1798 li biha reġgħet twaqqfet l-Università sabiex tieħu ħsieb tixtri l-qamħ minn barra minn Malta, Xmun Spiteri kien iffirma bħala l-providentur tal-Qrendi.[10] Fl-24 ta' Diċembru 1798, il-Patrijiet Agostinjani tal-kunvent ta' San Mark fl-Imdina kienu ngħataw lura l-knisja u l-kunvent. Wara dan l-Agostinjani kienu jikkontribwixxu għall-ispejjeż kbar tal-battaljuni tal-Maltin. Fil-fatt insibu li l-Agostinjani għaddew 74 skud u 5 grani għas-suldati, għall-morda u lill-furnara Qrendin.[11]

F'laqgħa ta' l-Assemblea li saret fil-5 ta' Settembru 1798, il-mexxejja tal-Maltin iddeċidew li jibagħtu ittra lir-Re ta' Napli fejn għarrfuh li fi 17-il siegħa kienu illiberaw l-irħula tal-kampanja mit-tirannija Franċiża u li dawn issa kienu msakkra fil-Belt u fil-Kottonera. Hemm kellhom ħażniet kbar ta' qamħ fil-fosos u għalhekk il-Maltin kellhom bżonn provvisti ta' qamħ, armi u munizzjon sabiex jeħilsu lil Malta mill-ħakma Franċiża. Għarrfuh ukoll li l-Maltin jirrikonoxxu lir-Re ta' Napli bħala s-sovran tagħhom.[12] Ir-Re ta' Napli kien irrisponda għat-talba li għamlulu l-Maltin fil-15 ta' Novembru 1798 fejn iddikjara gwerra kontra l-Franċiżi u li dawn kellhom jirritornaw lil Malta fil-poter ta' Sqallija. Sadanittant il-Maltin kitbu wkoll lil Lord Nelson li kien ġej minn Alexandria fejn kien qered il-flotta Franċiża fil-Battalja tan-Nile. Dan talab lill-kmandant ta' l-iskwadra navali Portugiża sabiex tiġi timblokka l-port ta' Malta. Il-bastimenti Portugiżi waslu Malta fid-19 ta' Settembru fost il-ferħ tal-Maltin. Fl-24 ta' Settembru, 13-il ġifen Ingliż għaddew minn Malta fi triqithom lejn Napli biex isirilhom xi tiswija. Dawn taw ammont ta' munizzjon lill-Maltin sabiex ikomplu bil-ġlieda tagħhom kontra l-ħakkiema Franċiżi. Il-bastimenti Portugiżi kienu qabdu xi vapuri li kienu ġejjin Malta bl-ikel għall-Franċiżi. Qabdu wkoll lil Ġużeppi Farrugia li kien inkarigat mill-irkant ta' l-oġġetti misruqa mill-knejjes) waqt li kien se jaħrab għal Genova fuq bastiment żgħir. Skond kif inhu miktub fil-ktieb *Sir Alexander Ball and Malta* ta' Michael Galea l-Kaptan Ball wasal fil-gżira ta' Malta min-naħa tan-Nofsinhar, u għadda eżattament mir-raħal *żgħir* tal-Qrendi.[13] Sir Alexander Ball inħatar bħala President ta' l-Assemblea Nazzjonali fid-9 ta' Frar 1799.



L-Ammirall Ingliż Horatio Nelson



Alexander Ball

F'xi waħda mill-granet ta' bejn il-11 u 18 ta' Frar 1799, fil-Qrendi kienet ġiet organizzata l-ewwel forma ta' elezzjoni lokali[14] sabiex il-poplu jaħtar rappreżentant biex ikun jista' jieħu sehem fil-Kungress li kien twaqqaf fil-11 ta' Frar 1799 mill-E.T. Il Signor Ball, *Comandante della Squadra di S.M. Britannica*.[15] Din l-ordni lill-poplu kollu kienet ingħatat waqt il-laqgħa ta' l-Assemblea Maltija tad-9 ta' Frar li kienet saret fid-dar tan-Nutar Manwel Vitale fis-1.00pm u li kienet preseduta mill-Kmandant Ball. Ball ippropona li l-Assemblea tibda tissejjaħ Kungress u li kellhom jibdew isiru laqgħat regolari fil-Palazz ta' Sant'Anton kull nhar ta' Tnejn fit-8 ta' filgħodu. F'din il-laqgħa kienu attendew ukoll il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, in-Nutar Manwel Vitale flimkien mal-kapijiet tal-battaljuni tal-Maltin.[16] Il-poplu ta' l-irħula kienu ġew imsejħa permezz tad-daqq tat-tanbur sabiex jagħżlu rappreżentant u dan kien intgħażel b'akklamazzjoni pubblika.[17]

Kull rappreżentant li kien ġie elett mill-irħula diversi kien mitlub jipproduċi ċertifikat ta' l-elezzjoni fejn dan kien ġie verifikat fl-ewwel laqgħa tal-Kungress Malti li saret fit-18 ta' Frar 1799 fil-Palazz ta' Sant'Anton. Minħabba d-diffikultà biex id-delegati jkunu jistgħu



*Il-firma ta' Dr. Gregorio Mifsud fuq il-kuntratt ta' ipoteka tal-beni stabbli mill-proprjetarji*



*Il-Palazz ta' San Anton fejn kienu jsiru l-laqgħat tal-Kungress Malti*



*Il-Gran Mastru De Rohan*

jattendu għal kull seduta, kien ġie deċiż li b'terz tal-membri kien jintlaħaq *quorum*. Fost it-22 rappreżentant ta' l-irħula kien hemm it-Tabib Gregorio Mifsud li kien ir-rappreżentant tal-Qrendi.[18] Gregorio twieled fl-1795 fir-raħal tal-Qrendi. Huwa kellu l-hajra li jilħaq tabib u studja għal 8 snin sħaħ taħt it-Tobba Biagio Consoli u Giorgio Lucano. Il-lawrja ta' tabib ħadha f'Napli fejn kompla bl-istudji tiegħu taħt it-tmexxija tat-Tabib Domenico Cutigno. Fid-9 ta' Frar 1787 il-Gran Mastru De Rohan kien taħ il-permess biex jeżerċita l-professjoni ta' tabib.[19]

Sadanittant, f'deċiżjoni li kien ħa l-Kungress Malti fil-15 ta' April 1799, il-Qrendi kellu jibgħat 52 suldat fil-kamp ta' Kordin sabiex kull kamp ikollu numru adegwat ta' għassiesa. Fit-8 ta' Lulju 1799 insibu isem Gregorio u l-firma tiegħu fuq dikjarazzjoni fl-atti tan-Nutar Alessandro Patrizio Spiteri, fejn fiċ-ċirkustanzi ta' skarsezz ikbar ta' qmuħ u flus, ir-rappreżentanti u l-provvedituri ta' l-irħula, *wara li saret l-ipoteka tal-beni stabbli mill-proprjetarji* kienu ħatru bħala prokuraturi tagħhom lir-Rev. Dun Bartolomeo Caraffa, kappillan u rappreżentant ta' l-Imqabba u l-Avukat Dr. Giovanni Schembri Provveditur ta' l-istess raħal sabiex f'isimhom jippreżentaw lir-Re taż-Żewġ Sqallijiet, il-Ministri u uffiċjali u fejn ikun hemm bżonn, *le urgenti necessità* għall-battaljuni ta' l-irħula.[20]

Fit-30 ta' Settembru 1799 in-nuqqas ta' ikel kemm ġewwa l-bliet u anke fil-kampanja kien kbir wisq. Fil-fatt f'din il-ġurnata, il-Kungress Malti kien kiteb ittra lil Lord Nelson sabiex jirringrazzjah tal-provvisti ta' l-ikel li kienu twasslu f'Malta u sabiex jitolbu għal aktar qamħ għaliex dak li twassal ma kienx biżżejjed. Din l-ittra kienet iffirmata minn Dr. Gregorio Mifsud flimkien mal-kumplament tar-rappreżentanti ta' l-irħula.[21]

Fit-12 ta' Mejju 1800 il-Kungress Malti kien ħa deċiżjoni li l-iskjavitù li kienet ġiet abolita mill-Franċiżi kellha tibqa' fis-seħħ u li l-arloġġ ma jitreġġax lura. Għalhekk dawk kollha li kienu ġew liberati setgħu jibqgħu jgawdu l-libertà u anke jibqgħu jgħixu f'Malta. Fl-istess seduta r-rappreżentanti ta' Malta kienu nkarigaw lil Ball sabiex jikteb lir-Re ta' Napli dwar gideb li kien intqal dwar l-Isqof Labini. It-tweġiba tar-Re inqrat fil-laqgħa tat-30 ta' Ġunju u fiha r-Re qal li kien sodisfatt bl-imġiba ta' l-Isqof.[22]

Fit-22 ta' Ġunju Ball ta l-aqwa ċertifikat lir-

*Il-medalja tad-deheb magħrufa bħala l-blockade Medal (Bil-permezz ġentili ta' Dr. Albert Ganado u Chev. Joseph C. Sammut)*




rappreżentanti tal-poplu meta stqarr, "Il-25 membru tal-Kungress bdew jiltaqgħu darba fil-ġimgħa fil-palazz fejn noqgħod jien" u li kien "ta' min ifaħħar ħafna l-ħidma tal-parti l-kbira tar-rappreżentanti li tassew tisthoqqilhom il-fiduċja li ġiet fdata lilhom." Il-Kungress Malti kien iltaqa' għall-aħħar darba fit-18 ta' Awissu 1800 fejn Ball kien iddeċieda li ma kienx hemm għalfejn jiltaqgħu iżjed għaliex il-Franċiżi kienu waslu biex iċedu.

Dan il-Kungress wera li l-Maltin kienu kapaċi jmexxu lilhom infushom anke fl-agħar kundizzjonijiet u dan il-ħsieb kien iż-żerriegħa li kompliet tikber sabiex wara ħafna żmien il-Maltin bdew imexxu lil pajjiżhom. B'kollox dan il-Kungress iltaqa' 35 darba u kienu saru kif ġej: 18 u 25 ta' Frar 1799; 4, 11, 16, 18 u 27 ta' Marzu 1799; 8, 10 u 15 ta' April 1799; 8, 15 u 22 ta' Lulju 1799; 19 u 26 ta' Awissu 1799; 24 u 30 ta' Settembru 1799; 7 ta' Ottubru 1799; 23 u 30 ta' Diċembru 1799; 7, 13 u 20 ta' Jannar 1800; 10, 24 u 31 ta' Marzu 1800; 12, 19 u 26 ta' Mejju 1800; 13 u 30 ta' Ġuju 1800; 7 ta' Lulju 1800; u 18 u 25 ta' Awissu 1800.[23]

Wara li l-Franċiżi ċedew fil-5 ta' Settembru 1800, kienu ġew imqassma medalji tad-deheb u tal-fidda magħrufa bħala l-*blockade Medals* sabiex jitfakkar l-imblokk li dam aktar minn sentejn u li fih madwar 20,000 Malti tilfu ħajjithom minħabba l-mard u l-ġuħ. Il-medalji tad-deheb li ġew regalati lill-mexxejja ta' l-irħula kienu sempliċi u b'diametru ta' 36mm. Dawn il-medalji huma rari ħafna u bħalhom jeżistu 3 li qegħdin fil-Mużew Nazzjonali. Fuq naħa ta' quddiem hemm l-arma ta' Malta inkurunata bejn żewġ friegħi tal-palm u fuq in-naħa l-oħra hemm żewġ friegħi tal-palm marbutin b'ċoff u bil-motto *PATRIA LIBERATA*[24].



*L-Avukat Feliċ Cutajar li serva bħala s-Segretarju ta' Alexander Ball*

Fuq dawn il-medalji ma kienx ġie miktub l-isem ta' min irċevihom. Għall-kuntrarju, fuq dawk il-medalji tal-fidda li kienu ġew mogħtija lir-rekluti fil-battaljuni tal-villaġġi, kien inkiteb l-isem ta' l-individwu flimkien mal-kliem *MALTA AI SUOI DIFENSORI, 1800*.

Lil Dr. Gregorio Mifsud kienet ingħatatlu waħda minn dawn il-medalji u magħha kie hemm parċmina li kienet iffirmata minn Ball bħala r-rappreżentant tar-Re Ferdinandu IV ta' Napli u Sqallija u mis-Segretarju tiegħu Avukat Felice Cutajar.[25] Din kienet miktuba bit-Taljan u tgħid hekk:

*Aħna Alessandro Giovanni Ball, Gvernatur tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex, xhieda tal-martri tiegħek, Gregorio Mifsud, u taż-żelu li wrejtu fid-difiża tal-Patria kontra l-Franċiżi fit-2 ta' Settembru 1798, u xhieda tal-kuraġġ tiegħek meta offrejt li tkun Rappreżentant tan-nies tal-Qrendi biex niffurmaw Kungress fi żminijiet l-aktar perikolużi tar-Rivoluzzjoni; għalhekk, nagħtuk dan iċ-ċertifikat flimkien ma' medalja tad-deheb sabiex tkun għalik u għall-familja tiegħek ta' tifkira dejjiema u ta' stima u ġieħ. Maħruġa mis-Segreterija ta' l-Eċċellenza Tiegħu, 9 ta' Frar 1801.*[26]

Skond il-*Libro Introiti ed Esiti 1800-1801*, dawn il-medalji li tqassmu wara r-rebħa kienu swew *1400 scudi*. Dan l-ammont kien irċevieh Vicar-General Salvatore Susano li jidher li kien ipprovda dan l-unuri.[27]

Fl-1801 ġew maħtura Logutenenti għal kull raħal u belt. Għar-raħal tal-Qrendi kien inħatar Francesco Zammit. Din il-ħatra kienet ġiet mogħtija lil persuni ta' integrità u għalkemm ma kinitx ħatra militari, kienet iġġorr responsabbiltà amministrattiva u kienet isservi bħala pulizija eżekuttiva bil-poter li tarresta l-kriminali u l-ħallelin u b'awtorità ta' maġistrat li kellu



*Il-Monument iddedikat lil Alexander John Ball li qiegħed fil-Barrakka ta' Isfel fil-Belt Valletta*



*Il-Ġnien tal-Kmand fi Triq Santa Katerina l-Qrendi*

l-ġurisdizzjoni li jaqta' każi b'piena li ma teċċedix il-25 skud. Kienu jqassmu wkoll l-ikel lil dawk li kienu mill-aktar fqar fis-Soċjetà.[28] Fiż-żmien li kien imexxi Sir Alexander Ball kienet ingħatat spinta lit-taħwil ta' aktar siġar fil-pajjiż u l-bini mill-ġdid tat-toroq li ġew imkissra mill-Franċiżi. Infatti madwar 500,000 siġra ġew imħawla fil-gżejjer Maltin. Ma' din l-inizjattiva kienu nbnew ġonna botaniċi f'diversi rħula.[29] Fil-Qrendi għandna x-xorti li għadna nsibu l-Ġnien tal-Kmand u li fuqu hemm skrizzjoni fejn jissemma li dan il-ġnien inbena mill-*Cav. e Baronetto Alessandro Giovanni Ball per Giorgio Terzo, Re Della Gran Brettagna, Governante Le isole di Malta e Gozo All'uso di Lugotenti Temporanei del Casale*. Fil-Għargħur, fiż-Żejtun u f'Ħal Safi għadna nistgħu nsibu ġonna simili u li huma msejħa ġonna tal-Kmand.

Wara dan l-episodju mqanqal fl-istorja ta' pajjiżna, Dr. Gregorio Mifsud kien inħatar bħala tabib tar-Reġiment Malti tal-Milizzja li kien twaqqaf fl-1801. Fl-1812 ġiet mogħtija pensjoni lil Dr. Gregorio Mifsud ta' 15-il skud fix-xahar bħala wieħed mill-*benemeriti della patria*.[30] Miż-żwieġ tiegħu ma' Tereża Balzan, Dr. Mifsud kellu 9 bniet u 2 subien. Wieħed jista' jimmaġina kemm kibret il-familja ta' dan it-tabib kuraġġuż. Maż-żmien il-professjoni tiegħu ta' tabib issawret fil-laqam Tat-Tabibu. Fis-Siġġiewi jeżistu numru kbir ta' dixxendenti ta' Gregorio u li għadhom magħrufa b'dan il-laqam. Dan il-laqam jeżisti wkoll fiż- Żejtun u f'Raħal Ġdid iżda ma rnexxilix insib aktar informazzjoni. Fil-Qrendi sa fejn sirt naf jeżistu 13-il familja li huma kollha dixxendenti ta' Gregorio b'ħafna minnhom jiġu l-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien ġenerazzjoni. Dawn il-familji huma, Ta' Kos, Tas-Surmast, Ta' Gulla, ta' Remiġja, Tax-Xaħħa, Taż-Żibri, Ta' Xelina, Tal-Manusa, Ta' Purtieros, Ta' Serafin, Tal-Gidja u Tas-Sagrabokk. Kien pass ta' min ifaħħru meta l-Kunsill Lokali tal-Qrendi għaraf lil Dr. Gregorio Mifsud bħala persunaġġ uniku u semma triq għalih. Forsi b'aktar riċerka, għad jinsab aktar materjal u informazzjoni fuq dan il-persunaġġ li għandu jkun imfakkar f'orgolju min-numru kbir ta' dixxendenti li forsi ħafna minnhom lanqas qatt ma ntqalilhom xejn dwaru u dwar żminijietu.

1. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. I (Malta 1979), pp.139-140.
2. Cauchi, P. Mark O.S.A., *L-Imblokk tal-Franċiżi f'Malta u l-Agostinjani*, p.54.
3. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. II (1980), pp.218-220.
4. Zammit Cutajar, Alfred, *Biographical Notes on the Ancestry of my Parents* (1987), p.77.
5. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. II (1980), pp.284-286.
6. *Ibid.*, p.221.
7. *Ibid.*, p.225.
8. *Ibid.*, p.225.
9. *Ibid.*, p.246.
10. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. II (1980), p.361.
11. Cauchi, P. Mark O.S.A., *L-Imblokk tal-Franċiżi f'Malta u l-Agostinjani*, p.56.
12. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. II (1980), p.254.
13. Galea Michael, *Sir Alexander Ball and Malta, Beginning of an era* (1990), p.30.
14. Boffa, Dr. Charles J., *The Saga of the French Occupation Malta 1798-1800*, (1998), p.62.
15. Zammit, Winston L., *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800*, pp.2-3.
16. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. III (1980), p.488.
17. Zammit, Winston L., *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800*, p.3.
18. Librerija Nazzjonali ta' Malta 1096 Seduta 18/02/1799.
19. Zammit, Mario, *Dr. Gregorio Mifsud tal-Qrendi fi żmien l-ħakma Franċiża*, għal Qrendi Aħjar Numru 2, Marzu/April 1994, p.6.
20. Zammit, Winston L., *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800*, p.54.
21. Boffa, Dr. Charles J., *The Saga of the French Occupation Malta 1798-1800*, (1998), p.72.
22. Testa, Carmelo, *Maż-Żewġ Naħat tas-Swar*, Vol. III (1982), p.690.
23. Zammit, Winston L., *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800*, p.3.
24. Albert Ganado, Joseph C. Sammut, *Malta in British and French caricature, 1798-1815*, (1989), p.47.
25. Joseph C. Sammut, *Maltese Blockade Medals*, in *Proceedings of History Week*, 1992, pp.80-81.
26. Charles Farrugia, *L-Imqabba mal-medda taż-żmien*, (1998), p.105.
27. Joseph C. Sammut, *Maltese Blockade Medals*, in *Proceedings of History Week*, 1992, pp.84-85.
28. Boffa, Dr. Charles J., *The Saga of the French Occupation Malta 1798-1800*, (1998), p.155.
29. Galea Michael, *Sir Alexander Ball and Malta, Beginning of an era*, (1990), p.112.
30. Zammit, Winston L., *Il-Mexxejja Maltin tal-Kungress Malti 1799-1800*, p.66.